
Ritratt: ROGER AZZOPARDI

# Pulizija u dilettanti f'dawra bil-muturi biex jonoraw vittma tat-traffiku

Minn JOHN PISANI

● Edward Gatt ta' 27 sena minn Ħal Qormi, li tilef ħajtu f'aċċident tat-traffiku fit-22 ta' Ġunju 2008, ġie mfakkar minn madwar 160 sewwieq tal-mutur f'dawra bil-muturi li bdiet minn ħdejn il-garaxx tal-Pulizija fil-Floriana u spiċċat f'Ħal Qormi b'rispett lejn wieħed minn sħabhom.

Il-bieraħ għal ħabta tas-6.00 p.m. is-sewwieqa bdew jingħabru għal dawra għall-karità organizzata minn membri tal-Korp tal-Pulizija. Kienu diversi Pulizija minn kull Taqsima u rank li ħadu sehem fosthom l-Assistent Kummissarju Andrew Seychell, is-Supretendent Pierre Calleja u anke diversi Spetturi. Magħhom ingħaqdu diversi ħbieb tagħhom dilettanti tal-muturi fosthom l-Espert Tekniku Joseph Zammit u l-Kap tas-Servizzi tad-Detenzjoni l-Logotenent Kulunell Brian Gatt.

Għal ħabta tas-7.00 p.m. l-muturi, skortati minn Pulizija mit-Taqsima tat-Traffiku fuq il-muturi, saqu għal Imsida, Triq Reġjonali, Triq il-Kosta, Qawra, Burmarrad, Rabat, Siġġiewi u spiċċaw Ħal Qormi fil-parkeġġ qrib il-Knisja ta' San Bastjan.

Din kienet ir-raba' edizzjoni ta' din il-ġirja bil-muturi. Fit-tliet snin ta' qabel inġabru fondi għad-Dar tal-Providenza (darbtejn), l-Istitut Creche u din is-sena għall-Moviment Hospice. Sa ftit ħin qabel bdiet id-dawra kienu nġabru madwar €1,285.

"Din is-sena se niddedikaw id-dawra għal ħabib li tlifna ftit ilu, Edward Gatt, kif ukoll għal dawk kollha li mietu f'aċċident bil-mutur" qalilna l-Ispettur Ramon Cassar.

Gatt kien miet meta ħabat ma' minibus fiċ-Ċirkewwa.

*pisani.journalist@gmail.com*
*http://johnpisani.wordpress.com*

## Il-MEUSAC il-ġdid iwiegħed li jkun aktar pro-attiv

# Kumitat bżonnjuż li se jevalwa lill-UE

### – Tony Zarb, GWU

Minn BRANDON PISANI

● L-esperjenza pożittiva tal-MEUSAC (Malta-EU Steering Action Committee) qabel Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea waslet biex dan il-kumitat twaqqaf mill-ġdid, imma din id-darba se jimxi b'mod aktar pro-attiv. Jekk qabel il-MEUSAC kien jiddiskuti biss il-proposti leġislattivi li jkunu ġejjin mill-UE, din id-darba, il-membri ta' dan il-kumitat se jaraw li meta jkun hemm il-bżonn, ipoġġu huma punti fuq l-aġenda tal-Unjoni Ewropea.

Il-MEUSAC huwa kompost minn diversi setturi, fejn minbarra s-sehem tal-Gvern, il-partiti politiċi u l-imsieħba soċjali, fil-"qalba" tal-MEUSAC se jkun hemm ukoll l-għaqdiet non-Governattivi, li se jirrappreżentaw firxa mill-aktar wiesgħa tas-soċjetà ċivili.

Il-laqgħa tal-bieraħ li ħadet siegħa iktar mill-previst, kienet deskritta bħala waħda pożittiva ħafna minn dawk preżenti, fosthom minn Tony Zarb li qiegħed jirrappreżenta lill-GWU fuq il-MEUSAC u missostitut tiegħu, il-President tal-unjin, Victor Carachi.

F'kummenti li ta' lil **l-orizzont** fi tmiem l-ewwel laqgħa ta' dak li qed jissejjaħ bħala l-'core group' tal-MEUSAC, Tony Zarb qal li "l-preżenza tagħna llum tikkonferma li aħna nemmnu, li anke fl-isfera tal-UE, hemm bżonnu dan il-kumitat biex nevalwaw dak li jkun qed isehh fl-UE, u anke dak li jkun għaddej f'pajjiżna. B'hekk inkunu nistgħu nagħmlu s-suġġerimenti tagħna fuq livell Ewropew. Jinteressawna wkoll id-diversi kumitati li se jitwaqqfu u li jolqtu direttament lill-ħaddiema li aħna nirrappreżentaw."

Mistoqsi dwar kif il-unjin se twassal il-messaġġ tal-MEUSAC lill-membri tagħha, is-Segretarju Ġenerali tal-GWU qal li "minn żmien għal żmien se ninformaw lill-membri tagħna b'dak li jkun għaddej viż-a-vis il-GWU f'dan il-kumitat."

Min-naħa tiegħu, il-President tal-GWU, Victor Carachi qal li "l-uniku tħassib tal-GWU hu li ma jkunx hemm duplikazzjoni tax-xogħol, hemm kif f'dan il-kumitat hemm membri li huma wkoll rappreżentati fl-MCESD. Irridu naraw kif se naħdmu flimkien."


L-ewwel laqgħa tal-'core group' tal-MEUSAC li saret il-bieraħ

Intant, l-ewwel laqgħa tal-'core group' tal-MEUSAC tmexxiet mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni, Chris Said. F'diskors ta' introduzzjoni, Said qal li l-MEUSAC irid ikun il-forum fejn fih issir konsultazzjoni wiesgħa dwar id-diversi liġijiet tal-UE u li dan il-kumitat ikun il-pjattaforma li fih jitressqu proposti għad-diskussjoni.

Mistoqsi minn **l-orizzont** dwar kif qed iħares lejn il-MEUSAC, is-Segretarju Parlamentari Chris Said qal li "wara l-esperjenza ta' qabel is-sħubija, jidher li dan il-pass li jitwaqqaf mill-ġdid il-MEUSAC intlaqa' pożittiv ferm mill-membri. F'din l-ewwel laqgħa ħarġet il-proposta li l-MEUSAC ikun pro-attiv, fis-sens li jiġu diskussi materji li jkunu ġejjin mill-membri stess tal-MEUSAC u wara l-Gvern jimbottahom fl-istrutturi tal-UE."

Mistoqsi dwar is-sehem tal-għaqdiet non-Governattivi, Chris Said qal li "l-NGOs jirrappreżentaw lis-soċjetà Maltija u f'Malta, aħna fortunati li għandna ammont kbir ta' dawn l-għaqdiet, li jaħdmu fil-qasam tiegħu b'mod volontarju u għalhekk dawn għandhom rwol importanti ħafna. Għalhekk se jkun hemm tliet rappreżentanti ta' dawn l-għaqdiet fil-'core group' u rappreżentanti oħrajn f'kull kumitat, skont is-setturi speċifiċi."

Min-naħa tiegħu, il-Kap tal-MEUSAC, Vanni Xuereb, f'diskors li għamel qabel il-membri għaddej biex jiddiskutu l-punti tal-ewwel aġenda, qal li minbarra l-proċess ta' konsultazzjoni, il-MEUSAC għandu wkoll żewġ funzjonijiet oħrajn, dawk ta' informazzjoni u għajnuna u programmi u fondi tal-UE. Qal ukoll li huwa ta' sodisfazzjoni li hemm rappreżentanza wiesgħa fuq il-mejda tal-MEUSAC u dan huwa sinjal pożittiv li fejn tidħol is-sħubija ta' Malta fl-UE, kulħadd qed jiġbed ħabel wieħed. Dan ma jfissirx li kulħadd se jaqbel fuq kollox u ma' kollox, iżda jfisser li hemm konvinzjoni li kulħadd jagħti l-aħjar sehem tiegħu fl-interess tal-pajjiż.

F'kummenti li ta lil **l-orizzont** fi tmien il-laqgħa, Vanni Xuereb qal li "jiena nħoss li l-NGOs għandhom bżonn forum fejn isemmgħu leħinhom. Il-MEUSAC hu proċess li se jgħinhom u jingħataw kapaċità. Se nagħtuhom ir-riżorsi biex il-vuċi tagħhom tinstema' u mhux ħadd ma jagħti kashom".

Matul l-ewwel laqgħa saret diskussjoni dwar ir-rwol tal-'core group', dwar il-formazzjoni tad-disa' sotto-kumitati, kif ukoll dwar ir-rappreżentanza tat-tliet membri tal-għaqdiet non-Governattivi u kif dawn se jintgħażlu. Ġie deċiż ukoll li l-MEUSAC jibda' jiltaqa' kull raba' Ġimgħa tax-xahar.

F'dan il-'core group' hemm ukoll rappreżentanza tal-Partit Laburista, li huwa rrappreżentat minn George Abela, bis-sostitut tiegħu huwa Luciano Busuttil.

Mistoqsi minn **l-orizzont** dwar is-sehem tal-Partit Laburista fil-MEUSAC, George Abela spjega li "l-Partit Laburista se jagħti sehmu b'mod pożittiv ħalli dan il-MEUSAC ikun suċċess kif kien qabel Malta daħlet fl-UE. Se jkollna proċess ta' konsulazzjoni għaddej il-ħin kollu, dak li aħna qegħdin insejħulha bħala konsultazzjoni effetiva u li tkun ukoll fil-mument propizju tagħha."

Dwar is-sehem tas-soċjetà ċivili, Abela qal li "hija ħaġa sabiħa li fil-MEUSAC se jkollna rappreżentati tagħha għall-ewwel darba s-soċjetà ċivili. Din hija rappreżentazzjoni wiesgħa ħafna u żgur li se jittieħdu deċiżjonijiet tajba.

*bpisani@unionprint.com.mt*



l-orizzont

Fil-11 ta' Settembru se jkollna suppliment mimli artikli interessanti dwar ir-ritorn lejn l-iskola.

Biex tibbukkjaw reklami ċemplu lid-Dipartiment ta' l-Avviżi fuq **25900230/5** email: ***adverts@unionprint.com.mt***
Bookings sal-5 ta' Settembru

Joe Xuereb - ***99804283***
Tony Bondin - ***99474193***